**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 20 ta' Frar, 2019**

**Rikors Nru: 1025/2018 AF**

Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru. 1498/2018

**Antoinette Bianchi**

**vs**

**Air Malta plc (C-2685)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Air Malta plc li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih imfissra, din il-Qorti ntalbet biex:

1. Tirrevoka u thassar il-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju numru 1498/2018 fl-ismijiet Antoinette Bianchi vs Air Malta plc (C-2685) u ghalhekk tordna l-hrug tal-kontro-mandat opportun, ghar-ragunijiet fuq premessi u ai termini tad-disposizzjonijiet tal-ligi citati aktar qabel f'dan ir-rikors.

2. Tiddikjara illi l-Mandat ta' Sekwestru numru 1498/2018 fl-istess ismijiet inhareg bi traskuragni, malizzja, u/jew li l-istess Mandat hu frivolu u/jew vessatorju, kif ukoll billi s-sekwestru ma tistax tiggustifika li l-att kawtelatorju kellu jinhareg.

3. Konsegwentement tikkundanna lis-sekwestranti Antoinette Bianchi thallas a favur is-socjetà esponenti l-oghla penali kontemplata fl-artikolu 838(8) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan taht dawk il-provvedimenti kollha li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fic-cirkostanzi inkluz li tappunta dan ir-rikors ghas-smiegh minhabba l-urgenza tieghu u l-hsara kbira li qed jirreka l-mandat lill-esponenti.

Rat id-digriet precedenti.

Rat ir-risposta ta' Antoinette Bianchi li permezz taghha, ghar-ragunijiet moghtija, hija ssottomettiet li t-talbiet ta' Air Malta plc m'ghandhomx jigu milqugha.

Rat id-dokumenti annessi.

Semghet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors.

Rat li r-rikors thalla sabiex jigi degretat in camera.

Ikkunsidrat illi Air Malta qed titlob it-thassir ta' mandat ta' sekwestru mahrug fil-konfront taghha minn Antoinette Bianchi sabiex din tikkawtela pretensjoni li ghandha kontra Air Malta liema pretensjoni tinsab dedotta fir-rikors promotur pendenti quddiem din il-Qorti kif presjeduta.

L-ewwel raguni li fuqha s-socjetà rikorrenti sekwestrata tistrieh fit-talba taghha hija dik li, a tenur tal-Art. 837(2), l-mandat ta' sekwestru ma setax jinhareg kontra l-Gvern. Air Malta targumenta li tgawdi l-protezzjoni li l-ligi toffri lill-Gvern fil-kuntest ta' mandati kawtelatorji. Din il-Qorti ma taqbilx. Air Malta plc hija socjetà kummercjali imwaqqfa taht l-Att dwar il-Kumpaniji (Kap. 386). M'hijiex il-Gvern ghalkemm kontrollata fil-fatt mill-Gvern.

Kif irriteniet din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenza taghha CFF Filiberti Srl vs Grand Harbour Regeneration Corporation plc (GHRC) et (23 ta' Mejju 2017):

> *"Madanakollu, din il-Qorti ma taqbilx illi s-soċjetà intimata GHRC għandha kariga pubblika u ċertament lanqas ma tagħmel parti mill-Gvern kif irid l-artikolu 460 tal-Kap. 12. L-eċċepjenti hija soċjetà kummerċjali maħluqa skont il-provedimenti tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar il-Kumpanniji) u mhux awtorità pubbika kostitwita bil-liġi u lanqas xi dipartiment tal-Gvern.*
>
> *L-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni jagħti t-tifsira ta' 'kariga pubblika' bħala kariga bi ħlas fis-servizz pubbliku, waqt li l-istess artikolu jiddisponi li 's-servizz pubbliku' ifisser 'is-servizz tal-Gvern ta' Malta f'kariga ċivili'. Ċertament illi s-soċjetà eċċepjenti ma taqax taħt din id-definizzjoni.*
>
> *Il-Qorti qieset ukoll l-interpretazzjoni li ta l-leġislatur stess lill-'entità tal-Gvern' fl-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (Kap. 497 tal-Liġijiet ta' Malta). Skont l-artikolu 2 ta' dan l-Att, 'entità tal-Gvern' tfisser 'organizzazzjoni, li ma tkunx dipartiment tal-Gvern, aġenzija tal-Gvern jew soċjetà kummerċjali, li fiha l-Gvern ikollu kontroll effettiv, sew jekk dik l-organizzazzjoni tkun jew ma tkunx imwaqqfa b'liġi.' Dan ifisser illi l-leġislatur stess eskluda s-soċjetà kummerċjali speċifikament minn dak kollu li jaqa' taħt il-kappa ta' entità tal-Gvern.*
>
> *Is-soċjetà eċċepjenti GHRC targumenta li hija parti mill-Gvern għaliex hija ffinanzjata u effettivament ikkontrollata mill-Gvern u fil-fatt l-azzjonisti tagħha huma żewġ soċjetajiet oħra kummerċjali kkontrollati mill-Gvern. Madanakollu, jibqa' l-prinċipju bażilari kristalizzat permezz tal-artikolu 4 tal-Att dwar il-Kumpanniji li soċjeta kummerċjali hija independenti mill-membri tagħha. Il-Gvern għażel li joħloq soċjetà kummerċjali minflok ħoloq awtorità, aġenzija jew dipartiment. Din is-soċjetà hija regolata mill-Att tal-Kumpanniji u minkejja li effettivament tieħu ordnijiet mill-Gvern, mhijiex il-Gvern. Soċjetà kummerċjali maħluqa skont l-Att tal-Kumpanniji ma tista'*

*qatt tkun il-Gvern jew persuna b'kariga pubblika kif irid l-artikolu 460."*

Dan kollu huwa meqjus li jghodd ghal Air Malta plc.

Air Malta imbaghad issostni illi l-mandat ghandu jitnehha wkoll ai termini tal-Art. 836(1)(d) li jipprovdi ghat-thassir ta' mandat kawtelatorju:

*"jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv."*

Fil-kuntest il-Qorti taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

Huwa minnu li fi procedura ta' din ix-xorta l-Qorti hija marbuta li tillimita ruhha ghal dak li jidher mad-daqqa t'ghajn, madanakollu tinnota illi:

i. Jirrizulta li Antoinette Bianchi applikat minn jeddha ghall-iskema volontarja tal-Irtirar Kmieni u ghal dan il-ghan giet offruta somma konsiderevoli (€130,000), b'dana illi, gie offrut lilha wkoll li tibqa' impregudikata kull talba dedotta fil-kawza. Antoinette Bianchi din m'accettatiex. Issa qeghda tghid li hija trid lura l-impieg taghha. Però fil-kawza ma titlobx hekk. Il-pretensjonijiet taghha kif dedotti fil-kawza jirrigwardaw dikjarazzjoni ta' responsabbilità ghal danni u likwidazzjoni tal-istess danni. Antoinette Bianchi, f'din il-kawza, mhijiex qed titlob l-impieg lura. Qed titlob hlas ta' danni.

ii. Ma ngabet ebda hjiel ta' prova tal-ammont li qed tippretendi r-rikorrenti fil-kawza. Kif irriteniet din il-Qorti diversament presjeduta fid-decizjoni taghha Zarb vs Port Cottonera (16 ta' Set tembru 2002), "Jekk is-somma kawtelata hijiex jew le eccessiva johrog minn ezami *prima facie* tal-bazi tal-pretensjoni tas-sekwestrat." Jirrizulta li, mill-hlasijiet li qeghda tippretendi Antoinette Bianchi digà thallsu xi ammonti bejn is-sena 2017 – 2018. Bic-cifra li qeghda tikkawtela bil-mandat odjern, ghalhekk, hija qed

tikkawtela medja ta' hamsin elf Ewro (€50,000) fis-sena aktar minn dak li digà gie mhallas lilha. Wiehed kien jistenna li, sabiex it-talba taghha titqies mad-daqqa t'ghajn gustifikata, hija kienet turi mqar dokument wiehed li juri s-somom li tghid li kienet tippercepixxi sa qabel bdew il-problemi taghha.

Air Malta qeghda titlob ukoll lill-Qorti tikkundanna lil Antoinette Bianchi thallas il-penali kontemplata fl-Art. 836(8).

F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis l-imposizzjoni tal-penali fakultattiva. Kif irriteniet il-Qorti fid-digriet taghha Refalo vs Calibre Industries (13 ta' Awwissu 2015):

*"Il-Qorti fid-diskrezzjoni taghha, tista' taqbel li tghabbi lil min ikun hareg Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' hlas ta' penali. Minbarra li tali impozizzjoni hija fakultattiva, irid jintwera ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun sehhet wahda mic-cirkostanzi mahsubin mill-ligi biex tali sanzjoni tigi mposta. Erbgha (4) huma c-cirkostanzi mahsuba mill-ligi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, ghandhom jitqiesu strettament bhala tassattivi[1], izda bizzejjed jekk tirrizulta wahda minnhom biex il-Qorti tista' taccetta li tqis it-talba ghall-kundanna tal-hlas tal-penali. Dwar din id-diskrezzjoni nghad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirrizultaw l-estremi li l-ligi tesigi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss taghzel li ma timponix il-penali mahsuba fl-artikolu 836(8) f'kazijiet estremi fejn is-sens ta' gustizzja hekk kien jimponilha[2]. Il-penali mahsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap. 12 hija wahda ta' ordni pubbliku immirata li tizgura serjetà fil-process gudizzjarju u biex ma thallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuza b'abbuz[3]."*

[1] Ara P.A. TM **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **Cole Foods Ltd.** Vs **Euro Imports Ltd.**
[2] App. Civ. **13.3.2001** fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Rapa** vs **Raymond Sammut**
[3] P.A. RCP **17.6.2010** fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Borg pro et noe** vs **Joseph Pace noe et**

Fid-dawl ta' dawn il-principji, ma jirrizultawx lill-Qorti l-estremi dettati mill-ligi li jistghu jiggustifikaw l-imposizzjoni ta' penali.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. tilqa' l-ewwel talba ta' Air Malta plc u thassar is-sekwestru kawtelatorju 1498/2018 fl-ismijiet Antoinette Bianchi vs Air Malta plc (C-2685); u

2. tichad it-tieni u t-tielet talba.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali fil-kawza pendenti fil-mertu.

IMHALLEF